# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M.
# (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 14 ta' Dicembru 2017**

**Rikors Numru: 669/2010 JPG**

**Kawza Numru: 25**

**Anthony Abela (ID 609950M) u martu Carmen Abela (ID 448349M), Charles Buhagiar (ID 1065748M) u martu Maria Dolores Buhagiar (ID 183253M), Anna Dalli (ID 478451M), Joe Dimech (ID 44852M) u martu Carmen Dimech (ID 716353M), Patrick Mifsud (ID 829054M) u martu Maria Mifsud (ID 552655M), Joseph Sciriha (ID 217757M) u martu Joan Antida Sciriha (ID 361159M), Alfred Spiteri (ID 77054M), Vincent Tanti (ID 670553M) u martu Carmen Tanti (ID 317557M), Charles Abela Mizzi (ID 407634M), Ruth Abela (ID 731234M), Leonard Aquilina (ID 486641M) u martu Carmen Aquilina (ID 538942M), John Barbara (ID 702543M) u martu Josephine Barbara (ID 839739M), Joe Bartolo (ID 95136M) u martu Jane Bartolo (ID 594936M), John Bezzina (ID 608633M) u martu Mary Bezzina (ID 76534M), Joseph Bonello (ID 135843M) u martu Victoria Bonello (ID**

**1053345M), Anthony Borg (ID 337941M) u martu Maria Carmela Borg (ID 301146M), Elia Borg (ID 945547M) u martu Carmen Borg (ID 227249M), Alfred Brincat (ID 134241M) u martu Jane Brincat (ID 106245M), Anthony Camilleri (ID 646043M) u martu Mary Camilleri (ID 942545M), Charles Carabott (ID 217835M) u martu Elizabeth Carabott (ID 552037M), Alfred Caruana (ID 455942M) u martu Doris Caruana (ID 327653M), Charles Cini (ID 232237M) u martu Rose Cini (ID 678740M), Alfred Cutajar (ID 79946M) u martu Odette Cutajar (ID 492448M), Joseph Cutajar (ID 336838M) u martu Hilda Cutajar (ID 113638M), Richard Cutajar (ID 634943M) u martu Monica Cutajar (ID 988650M), Albert Debono (ID 440735M) u martu Ann Debono (ID 116839M), Joseph Degiovanni (ID 115739M) u martu Victoria Degiovanni (ID 667140M), Francis Gatt (ID 419037M) u martu Grace Gatt (ID 30737M), Louis Gatt (ID 229042M) u martu Carmen Gatt (ID 354642M), Carmel Gauci (ID 202843M) u martu Mary Gauci (ID 438645M), Joseph Giuliano (ID 103834M) u martu Mary Rose Giuliano (ID 391140M), John Inguanez (ID 1072994M) u martu Maria Inguanez (ID 390246M), Saviour Magro (ID 873839M) u martu Gorgina Magro (ID 632142M), Carmel Marmara (ID 662633M), Albert O'Neill (ID 310346M) u martu Carmen O'Neill (ID 141945M), John Raggio (ID 984644M) u martu Doris Raggio (ID 796545M), Joseph Schembri (ID 141937M) u martu Helen Schembri (ID 916544M), John Sciberras (ID 764239M) u martu Censina Sciberras (ID 50147M), Victor Sciberras**

**(ID 603535M) u martu Maria Sciberras (ID 985145M), Dorothy Sollars (ID 696344M), Victor Wickman (ID 817034M) u martu Maryrose Wickman (ID 662441M), John Agius (ID 204757M) u martu Anna Agius (ID 791458M), Paul Azzopardi (ID 575358M) u martu Violet Azzopardi (ID 630159M), Anna Bonanno (ID 688654M), Joseph Borg Xuereb (ID 505354M) u martu Rita Borg Xuereb (ID 777253M), Reno Bugeja (ID 552755M) u martu Grace Bugeja (ID 716857M), Charles Callus (ID 536055M), Edwin Cassar (ID 429259M) u martu Anna Cassar (ID 706759M), Joseph Cilia (ID 629155M) u martu Maria Carmela Cilia (ID 207256M), Edwin Debono (ID 47055M) u martu Maria Carmela Debono (ID 247955M), Louis Deguara (ID 815956M) u martu Carmen Deguara (ID 31462M), Raymond Farrugia (ID 387256M) u martu Rita Farrugia (ID 90066M), Mario Galea (ID 480059M) u martu Frances Galea (ID 144460M), Nicholas Gauci (ID 263356M) u martu Rita Gauci (ID 552455M), Lino Giuliano (ID 519157M), Charles Grech (ID 630856M) u martu Therese Grech (ID 394760M), David Gutteridge (ID 462154M) u martu Cynthia Gutteridge (ID 793254M), Raymond Libreri (ID 827657M) u martu Letizia Libreri (ID 12256M), Joseph Mizzi (ID 767253M) u martu Sylvia Mizzi (ID 391057M), Alfred Musu (ID 825950M) u martu Maryrose Musu (ID 807450M), Joseph Scicluna (ID 236060M) u martu Maria Carmela Scicluna (ID 607860M), Peter Borg (ID 281939M), George Peresso (ID 628739M) u martu Isabella Peresso, Emanuel Scicluna (ID 26637M) u martu**

**Marianna Scicluna (ID 406540M), Emanuel Zammit (ID 483045M) u martu Doris Zammit (ID 220046M) ta` 5 Triq l-Ghakkies, Naxxar**

**VS**

**Public Broadcasting Services Limited (C 13140) ta' 75 Triq San Luqa, Guardamangia (u permezz ta' Digriet datata 24 ta' Jannar 2012 giet kjamata in kawza Go plc)**

## Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Guramentat ta' Anthony Abela et (ID 609950M) datat fil-5 ta' Lulju 2010, a fol 1 et seqq, li jaqra hekk;

*Illi whud mill-esponenti kienu impjegati mar-Rediffusion Limited u wara, mat-twaqqif tal-Korporazzjoni Telemalta, huma saru impjegati mal-istess Korporazzjoni u sussegwentement mas-socjeta` intimata.*

*Illi ohrajn mill-esponenti huma mpjegati li dahlu fl-impjieg mat-Telemalta bejn it-13 ta` Frar 1975 u l-31 ta` Dicembru 1978.*

*Illi permezz tal-ftehim li gie iffirmat fl-1 ta` Marzu 1976 konfermat b'iehor tal-5 ta` Dicembru 1981, liema ftehim kellhu jkollu effett mit-13 ta` Frar 1975 l-Korporazzjoni Telemalta kienet intrabtet li taghmel ghall-impjegati taghha skema ta` pensjoni simili ghal dik li jhaddem il-Gvern*

> *"The Corporation will introduce a pension scheme similar to that operated by Government. A special provision will, however, be made to ensure that employees over the age of 50 years on the date of transfer to the Corporation (i.e. 13$^{th}$ February 1975) will be entitled to a pension based on their years of service with the Corporation.*

> *Where a formal employee of the Rediffusion Group of Companies dies in the service of the Corporation before the introduction of a pension scheme, the Corporation may grant to his widow, or if his wife had predeceased him, to his minor children, a gratuity of an amount not exceeding his annual salary including any cost of living increases."*

*Illi l-mittenti l-ohra gew ingaggati bejn it-13 ta` Frar 1975 u Dicembru 1978 u fl-ittra tal-kariga taghhom huma gew informati illi l-kariga taghhom:*

> *"tikkwalifikak biex tiehu sehem fl-iskema ta` pensjoni li l-Korporazzjoni bi hsieba taghmel".*

*Illi tali obbligu llum-il gurnata waqa` fuq il-Public Broadcasting Services Limited.*

*Illi l-Public Broadcasting Services Limited naqset milli timplimenta din l-iskema ta` pensjoni favur l-esponenti u ghadha sal-lum qieghda tirrifjuta li timplimenta l-ftehim fuq imsemmi u l-iskema pattwita.*

*Illi l-atturi kemm bhala ex-impjegati tar-Rediffusion Group, kif ukoll bhala persuni li gew ingaggati kif fuq premess, gew imcahhda mid-dritt taghhom ghall-pensjoni li twieled mal-ftehim fuq imsemmi u mal-ittra tal-ingagg taghhom skont il-kaz u ghadu jghodd sal-lum.*

*Illi l-pensjoni tal-Gvern taht l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap 93) hija pagabbili meta jigu sodisfatti l-kriterji tal-Art 7 tal-istess ligi u hija kalkolata ghal zewg terzi tal-paga li jkollhu l-impjegat tenut kont in-numru ta` xhur ta` servizz li jkollhu dak l-impjegat diviza bin-numru ta` 360 u inoltre, tali pensjonant ikollhu d-dritt (skond l-ghazla tieghu) illi meta jigi biex jirtira jikkomuta kwart mill-istess pensjoni billi jiehu gratifikazzjoni ekwivalenti ghal kwart tal-pensjoni multiplikata bi tnax u nofs u b'hekk jircievi mbaghad pensjoni ta` tlett kwarti.*

*Illi inoltre, kien hemm modifika patwita illi fir-rigward ta` dawk il-pensjonanti li ma jkunux lahqu ghamlu ghaxar snin impjieg, jiehdu pensjoni pro-rata u minn barra dan, jekk pensjonant imut whilst still in service, l-armla jew it-tfal tieghu*

*skont il-kaz, jiehdu gratifikazzjoni (gratuity) ekwivalenti ghal salarju ta` sena komprizi l-cost of living increases.*

*Ghaldaqstant tghid s-socjeta intimata ghaliex din l-Onorabbili Qorti m'ghandhiex:*

*1. tiffissa zmien qasir u perentorju li fih is-socjeta intimata ghandha timplimenta l-iskema ta' pensjoni skond il-ftehim imsemmi liema skema tkun applikabbli ghal kull wiehed u wahda mill-atturi fuq il-bazi ta' paga u zmien ta' servizz li japplika ghal kaz tieghu jew taghha; u*

*2. F'kaz li jkun ghadda inutilment it-terminu hekk prefiss, tiddikjara li dak il-ftehim jigi jorbot bis-sahha ta' l-istess sentenza;*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorji tat-28 ta Lulju 2009 u tas-6 ta Ottubru 2009 u protest tal-15 ta Dicembru 2009, u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra lilhom spettanti skond il-ligi;*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi,

Rat ir-Risposta Guramentata tal-kumpanija Public Broadcasting Services Limited datata fit-13 ta' Awissu 2010, a fol 12 et seqq, li taqra hekk;

***FATTI***

1. *Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel erba' paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;*

2. *Illi l-fatti dikjarati fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi assolutament ma huwiex minnu li l-kumpannija eccipjenti b'xi mod assumiet l-obbligazzjonijiet tal-korporazzjoni Telemalta fil-konfront tar-rikorrenti. L-eccipjenti ma assumietx tali obbligu, u kif ser jigi dimostrat waqt is-smigh tal-kawza ma ghandha l-ebda obbligu li tniedi xi skema ta' pensjonijiet private ghall-*

*beneficcju tal-atturi;*

3. *Illi l-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi il-kumpannija eccipjenti ma hijiex marbuta li timplimenta l-iskema in kwistjoni jew li taghti effett ghal ftehim bejn terzi. Illi l-kumpannja eccipjenti impjegat lill-impjegati taghha b'arrangamenti kontrattwali distinti u separati minn dawk li kienu jaghmlu stat kontra l-korporazzjoni Telemalta, u l-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-atturi mal-eccipjenti huma biss dawk li jitwieldu mill-collective agreement tal-1 ta' Settembru 1993 (Dok PBS 1) u mill-ligi.*

4. *Illi l-fatti dikjarati fis-seba' paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi l-atturi ma ghandhom l-ebda jedd fil-konfront tal-eccipjenti li tobbligaha tniedi skema ta' pensjonijiet privata;*

5. *Illi l-fatti dikjarati fit-tmien u disa' paragrafi attrici huma kontestati billi l-affarijiet imsemmija ma japplikawx ghall-atturi odjerni u fi kwalsiasi kaz huma irrilevanti;*

***ECCEZZJONIJIET***

1. Preliminarjament, l-atturi jridu jgibu l-prova li huma kienu impjegati mal-korporazzjoni Telemalta fiz-zmien minnhom premess fir-rikors promotorju;

2. Fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit li l-kumpanija ecceipjenti ma assumietx fil-konfront tal-atturi l-obbligazzjoni meritu ta' din il-kawza u li tinsab kompriza fl-ewwel talba attrici. Il-Kumpannija Public Broadcasting Services Limited ma ssuccedietx fl-obbligazzjonijiet tal-korporazzjoni Telemalta izda wara li giet iffurmata fl-1992, xtrat minghand il-Korporazzjoni Telemalta xi assi u, wara li dahlet f'arrangement mal-General Workers Union, ingaggat l-impjegati taghha (inkluzi dawk li sa dakinhar kienu impjegati mal-Korporazzjoni Telemalta) b'kundizzjonijiet distinti u differenti

minn dawk li setghu kellhom bhala impjegati tal-Korporazzjoni Telemalta. Dawn il-kundizzjonijiet ma jinkludux skema ta' pensjonijiet privati indipendentement minn dik provduta mill-Gvern ta' Malta;

3. Fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, anke kieku kellu jigi determinat li l-kumpannija eccipjenti assumiet minghand il-Korporazzjoni Telemalta l-obbligu li tniedi sistema ta' pensjonijiet privata, (liema haga hi kontestata bl-aktar mod kategoriku) dan l- obbligu gie estint bil-ftehim kollettiv ta' Settembru 1993 li jghid testwalment "This Agreement cancels and supersedes any other verbal and/or written agreement that may have been in force prior to the date of this Agreement." Jigi osservat li din il-klawsola tkopri kwalsiasi arrangement precedenti dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-atturi u tfisser li l-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-impjegati tal-Public Broadcasting Services Limited jitwieldu biss mill-ftehim kollettiv premess.

4. Fir-raba lok li l-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-haddiema tal-kumpannija ecceipjenti huma biss dawk li jirrizultaw mill-Ftehim kollettiv illum fis-sehh;

5. Fil-hames lok bla pregudizzju ghas-suespost li t-talbiet attrici jinsabu preskritti bid-dekors tat-terminu ta' hames snin a tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili billi effettivament l-azzjoni attrici hija ntiza li tipprokura hlas ta' somma flus;

6. Fis-sitt lok bla pregudizzju ghas-suespost li t-talbiet attrici jinsabu ukoll preskritti bid-dekors tat-terminu ta' tletin sena a tenur tal-artikolu 2143 tak-kodici Civili;

7. Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess li l-obbligazzjoni originali kienet fi kwalsiasi kaz vaga wisq biex tkun enforzabbli;

8. Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess li t-talbiet attrici huma insostenibbli billi, jekk jigu milqugha it-talbiet attrici jikkostitwixxu ksur ta' ligijiet ta' ordni pubbliku, senjatament l-Att dwar is-Sigurta Socjali u l-Att dwar is-Sigurta Nazzjonali (Kap. 147) li jirregolaw (jew li kienu jirregolaw) l-ammont

massimu ta' pensjoni li persuna tista tircievi;

9. Subordinatament bla pregudizzju ghall-premess jinghad fi kwalsiasi kaz li l-atturi ma ghandhomx il-jedd minnhom pretiz ukoll ghaliex il-weghda in kwistjoni kienet saret mill-Korporazzjoni minhabba l-fatt li l-impjegati in kwistjoni ma kienux jikkwalifikaw ghall-pensjoni tal-Gvern, haga li giet sussegwentement rimedjata legislattivament b'mod li effettivament l-impjegati in kwistjoni hadu minghand il-Gvern dak li l-istess Gvern kien weighed tramite il-Korporazzjoni Telemalta;

10. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

11. Illi l-eccezzjonijiet moghtija huma moghtija kull wahda bla pregudizzju u sussidjarjament ghall-ohra;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta guramentat tal-kjamata in kawza Go plc datata 16 ta' Frar 2010, a fol 529 *et seqq*¸li taqra hekk:

*FATTI*

1. *Illi s-socjeta kjamata in kawza fil-kawza GO plc attwalment ma ghandha l-ebda taghrif f'idejha Illi s-socjeta` kjamata fil-kawza GO plc attwalment ma ghadha l-ebda taghrif f'idejha dwar l-impieg o meno tal-atturi mal-Korporazzjoni Telemalta fiz-zmien tal-ingagg taghhom u/jew dwar l-impjieg taghhom mal-Public Broadcasting Services Limited.*

2. *Illi in kwantu ma jirrizultax illi l-atturi huma attwalment jew alternattivament ma kinux impjegati mas-socjeta` kjamata fil-kawza fid-data li rtiraw mill-impjieg taghhom, dak li gie premess fir-Rikors Guramentat fis-sens illi l-obbligu dwar il-hlas ta' pensjoni llum il-gurnata waqa' fuq il-Public Broadcasting Services Limited*

*jindika illi l-anqas l-atturi stess ma huma qed jippretendu xi jedd li jircievu pensjoni minghand is-socjeta` Go plc.*

3. *Illi kull ma jista' jigi kkonfermat f'din ir-Risposta f'dan l-istadju huwa l-fatt illi dawk fost l-atturi li rtiraw mill-impjieg taghhom u qed jesigu hlas ta' pensjoni, ma kinux impjegati ma' Go plc meta rtiraw mill-impjieg taghhom.*

4. *Illi Go plc ma ghandha l-ebda obbligu ta' hlas ta' pensjoni lil xi individwu li ma kienx impjegat/a tal-kumpanija b'mod mhux interrott mid-data meta gie ingaggat sal-gurnata li l-impjegat ikun lahaq l-eta` pensjonabbli skont il-ligi.*

*ECCEZZJONIJIET*

1. *Illi t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` kjamata fil-kawza GO plc huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi ma jirrizultax illi l-atturi jew irtiraw l-impjieg taghhom mas-socjeta` eccipjenti meta lahqu l-eta` pensjonabbli jew dawk li ghadhom fl-impjieg, ghadhom jahdmu mas-socjeta` eccipjenti bil-konsegwenza ghalhekk illi l-atturi ma jistghu jivvantaw ebda dritt ghall-hlas ta' pensjoni fil-konfront ta' GO plc f'cirkostanzi fejn ma baqghux impjegati mal-istess socjeta`. Illi f'kull kaz, jispetta lill-atturi li jipprovaw illi huma hadmu mas-socjeta GO plc b'mod mhux interrott mid-data li gej ingaggjati sad-data li lahqu l-eta` pensjonabbli.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici hum preskritti a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.*

3. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma preskritti ukoll a tenur tal-Artikolu 2043 tal-Kodici Civili.*

4. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, u f'kaz biss illi dina l-Qorti tiddeciedi illi s-socjeta` GO plc hija tenuta li twaqqaf skema ta' pensjoni a beneficcju tal-atturi, kwalunkwe skema ta' pensjoni tista' titwaqqaf biss bl-approvazzjoni tal-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u dan konformament mal-Att li Jirregola Fondi Specjali (Kap. 450 tal-Ligijiet ta' Malta) b'dan ghalhekk illi l-ewwel talba hija legalment insostenibbli.*

5. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attirici huma legalment insostenibbli stante li jekk jigu milqugha, jikkostitwixxu ksur tal-ligijiet ta' ordni pubbliku u senjatament l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kap. 318) u l-Att dwar is-Sigurta` Nazzjonali tal-1956 (Kap. 147) li jirregolaw u/jew kienu jirregolaw l-ammont massimu ta' pensjoni li persuna tista' tircievi.*

6. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe weghda jew obbligu li seta' kien hemm favur l-atturi sabiex jircievu hlas ta' pensjoni sar fi zmien meta huma ma kinux jikkwalifikaw ghall-pensjoni tal-Gvern izda bl-introduzzjoni tal-pensjoni taz-zewg terzi fl-1979 dan l-obbligu gie effettivament sorvolat u moghti kemm lill-atturi kif ukoll lill-haddiema kollha f'Malta. Li kieku dina l-Qorti kellha tilqa' t-talbiet attrici tinholoq sitwazzjoni assurda fejn l-atturi jkollhom beneficcju ta' pensjoni addizzjonali b'kuntrast u diskriminazzjoni ma' eluf ta' haddiema ohra kemm mas-socjeta` in kwistjoni u f'Malta in generali li skont il-ligi huma intitolati li jircevu l-pensjoni nazzjonali tad-due terzi.*

7. *Illi f'kull kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tal-24 ta' Jannar 2012, li permezz tieghu giet kjamata in kawza GO plc.

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet ta' Public Broadcasting Services Limited, datata fil-15 ta' Dicembru 2014, a fol 793 et seqq;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' s-socjeta kjamata in kawza GO plc, datata fid-9 ta' Dicembru 2014, a fol 804 et seqq;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Anthony Abela et, datata fit-18 ta' Frar 2015, a fol 815 et seqq;

Rat ir-Rapport tal-Perit Legali Avv. Ramona Frendo (Detentrici tal-Karta tal-Identita' Numru 10372(M), mahlufa fl-14 ta' Dicembru 2016, a fol 843 et seqq;

Rat in-Nota ta' Dr Refalo u Dr Galea li biha qed jirriservaw id-dritt ghall-Periti Perizjuri, datata fit-8 ta' Marzu 2017, a fol 929;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Anthony Abela** xehed illi huwa kien jahdem mar-Rediffusion Malta Limited u fl-1975, flimkien ma' persuni ohra, kien gie trasferit ma' kumpanija illi kienet giet mahluqa mill-Gvern ta' dak iz-zmien, u cioe Telemalta Corporation, liema korporazzjoni hadet maghha l-impjegati tar-Rediffusion u dawk li kienu jahdmu mal-*Cable and Wireless* u haddiema ohra. Spjega illi peress illi kien hemm haddiema minn diversi setturi, kien hemm necessita` li jsir studju dwar is-*salary scales*, assimilazzjoni ta' *salary scales*, etc. Zied ighid illi fis-sena 1975, ma kienx hemm il-pensjoni nazzjonali (pensjoni taz-zewg terzi) illi tezisti llum ghax din il-pensjoni nazzjonali giet introdotta fis-sena 1979. Rigward il-ftehim immarkat bhala Dok A *bis* xehed illi dan kien gie ffirmat fl-1 ta' Marzu 1976 b'effett mit-13 ta' Frar 1975 u gie kkonfermat bi ftehim iehor li gie ffirmat fl-4 ta' Dicembru 1981 kif indikat fil-paragrafu 1.2.

Spjega li dak iz-zmien, hu u uhud mir-rikorrenti (Dok AA) kienu jahdmu mal-Korporazzjoni Telemalta, izda fl-1992, il-Public Broadcasting Services Limited akkwistat l-assi kollha tat-Telemalta f'dak li ghandu x'jaqsam mad-divizjoni tax-xandir, u l-obbligi kollha tal-istess entita, permezz ta' kuntratt datat 5 ta' Awwissu 1992, u fil-fatt hu u shabu gew awtomatikament integrati bhala impjegati tal-PBS, kif kien ghadu meta nghatat ix-xhieda, u dan mill-1 ta' Settembru 1993, li hija d-data ufficjali, meta gie ffirmat il-ftehim kollettiv. Zied illi meta sar il-ftehim bejn is-socjeta` konvenuta u t-Telemalta, l-impjegati qatt ma ntalbu jiffirmaw xejn ghaliex wara kollox din kienet decizjoni amministrattiva. Kompla li meta dahal mal-Korporazzjoni Telemalta, baqa' jaghmel l-istess xoghol, izda flok taht ir-Redifussion kien taht Telemalta. Zied ukoll li

dawk minn shabu li rtiraw, baqghu hemm sad-data tal-irtirar taghhom. Qal ukoll illi dak iz-zmien sid it-Telemalta ossia l-*beneficial owner* kien il-Gvern ta' Malta bhal ma kien fil-kaz tal-PBS.

Xehed uoll illi Xandir Malta ma kienx entita` separata izda branka tat-Telemalta bhall-*Cable and Wireless,* u l-Bord tat-Telemalta kellu lil Xandir Malta taht idejh, filwaqt li l-Public Broadcasting Services Limited giet ifformata fis-27 ta' Settembru 1991 u kienet entita` separata.

Xehed illi l-impjegati baqghu jaghmlu l-istess xoghol preciz, kemm qabel gew assimilati fil-PBS, kif ukoll wara u ghalhekk meta hadet *over* il-PBS, ir-rikorrent Abela flimkien mal-impjegati l-ohra, baqghu jahdmu taht l-istess termini u kundizzjonijiet inkluz il-paga. Qal ukoll li kien hemm kontinwazzjoni tal-*leave days* u anke *marriage gratuity* li baqghu jzommu sa meta nghatat ix-xhieda. Inoltre l-impjegati zammew ukoll l-istess desk. Id-differenza kienet illi l-paga, minflok ma tithallas mit-Telemata bdiet ithallas mill-PBS.

Rigward il-pensjoni, xehed illi din il-kwistjoni qatt ma giet diskussa mal-haddiema permezz ta' Ftehim Kollettiv u filfatt fil-Ftehim Kollettiv ta' Settembru 1993 ma kienx issemma d-dritt tal-pensjoni, ghaliex dan id-dritt jissemma biss fil-Fthim Kollettiv tas-sena 1975 u s-sena 1981. Qal ukoll illi qatt ma ra *balance sheet* tat-Telemalta u b'referenza ghall-faccata numru 11, Klawsola 2 ta' Dok C anness mal-Affidavit tieghu, qal illi sa fejn jaf hu, ebda pensjoni ma tkun imnizzla fil-*balance sheet*. Xehed illi la Telemalta u lanqas il-PBS ma introducew skema ta' pensjoni kif deskritta fil-klawsola numru 11 ta' Dok A Bis, u li fis-sena 1981, kien sar Ftehim Kollettiv iehor specifikatament ghall-haddiema ta' Xandir Malta u dan ikkonferma *in toto* l-parti relattiva ghall-pensjoni kif kienet inkluza f'Dok A *bis*.

Spjega illi qabel sar il-ftehim tas-sena 1976, l-impjegati tar-Redifussion kellhom pensjoni privata kontributorja minghand ir-Redifussion stess. Kompla illi f'Gunju 2011, meta ghalaq 61 sena, huwa kkwalifika ghall-pensjoni taz-zewg terzi taht is-*Social Security Act* u li jekk jirbhu l-kawza odjerna, ikun intitolat ghal zewg pensjonijiet: - dik taht is-*Social Security Act* u dik meritu ta' dawn il-proceduri. Specifika illi qabel is-sena 1979, kienu biss l-impjegati tac-Civil illi kellhom id-dritt ghall-pensjoni taht l-Ordinanza tal-Pensjonijiet.

**Raymond Libreri** xehed illi huwa beda jahdem mal-Korporazzjoni Telemalta fl-14 ta' Dicembru 1977 billi rcieva *letter of appointment* li kopja taghha tinsab immarkata bhala Dok RL1. Spjega illi f'din l-ittra hemm miktub illi l-hatra tieghu "*tikkwalifikak biex tiehu sehem fl-iskema ta' pensjoni li l-Korporazzjoni bi hsiebha taghmel*" u qal illi kien b'hekk li sar jaf li l-Korporazzjoni kienet intenzjonata li taghmel skema tal-pensjoni. Xehed illi dan il-ftehim gie kkonfermat bi Ftehim iehor li sar fl-4 ta' Dicembru 1981[Dok. B *bis*], f'liema zmien hu kien jahdem mat-Telemalta fis-Sezzjoni tax-Xandir. Kompla illi fl-1991/1992, meta saret il-PBS, huwa baqa' jahdem ma' din il-kumpanija fejn kien ghadu jahdem sa meta ddepona.

Spjega illi skont il-ftehim, kien indikat illi l-pensjoni kellha tkun simili ghal dik li ghandu l-Gvern, b'dan illi tkun skema simili ghal dik stipulata taht il-*Pensions Ordinance* (Kapitolu 93) bid-dritt tal-pensjoni u tenut kont tan-numru ta' xhur ta' servizz u l-*outgoing salary* fid-data tal-irtirar. Ghalhekk hu ghandu d-dritt illi jiehu gratifikazzjoni ekwivalenti ghal tnax-il darba u nofs ta' kwart tal-pensjoni, kif hemm stipulat fil-*Pensions Ordinance* u l-iskedi relattivi.

Xehed illi fil-*letter of appointment,* ma kienx indikat meta ser issir l-iskema tal-pensjoni, liema skema kellha l-iskop li tpoggi l-impjegati tat-Telemalta f'posizzjoni simili jew ekwivalenti ghall-pozizzjoni tal-impjegati tal-Gvern qabel is-sena 1979, u b'hekk, hu ghandu jkollu pensjoni simili ghal dik tal-impjegati tal-Gvern qabel is-sena 1979 u mhux zewg pensjonijiet, jekk jirbah din il-kawza, u dan ghaliex meta gie assimilat mal-PBS Ltd fl-1991 ma kienx hemm *letter of appointment* gdida.

Xehed illi fis-sena 1977, hu kien ihallas il-kontribuzzjoni nazzjonali. Xehed ukoll illi huwa qatt ma kien gie avvicinat biex tigi diskussa l-pensjoni, u lanqas qatt giet diskussa jew negozjata, ghaliex hu kien prezenti f'kull laqgha bejn il-*General Workers Union* u s-socjeta` ntimata.

**Andrew Psaila** xehed illi sa mill-ewwel darba illi ta x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri fl-10 ta' Jannar 2012, huwa kien diga` pensjonant, ghalkemm kien baqa' jokkupa l-kariga ta' konsulent tas-socjeta` ntimata sal-ahhar ta' Settembru 2011. Spjega illi huwa kien

beda jahdem ma' Xandir Malta fis-sena 1975 bhala *Technical Officer* sakemm fl-1999 lahaq CEO, liema kariga baqa' jokkupa sa Gunju 2006;

Xehed illi fis-sena 1970, huwa kien dahal jahdem mal-Gvern bhala *technician*, *appointment* fuq "*pensionable established appointment*" li jfisser li kien intitolat ghal pensjoni tat-Tezor, liema dritt baqa' jgorru anke mal-PBS Limited bis-sahha tal-emendi illi saru fis-snin disghin fil-ligi tal-pensjoni, fejn gie stabbilit illi l-PBS Limited taqa' taht l-entitajiet fejn ex-impjegati tal-Gvern jibqghu jgorru dan id-dritt maghhom. Zied illi sa fejn jaf hu, f'din ic-cirkostanza mal-PBS Limited, kienu hu u Costantino Abela.

Spjega illi meta giet stabbilita s-socjeta` konvenuta PBS Limited fis-sena 1992, kien sar kuntratt fejn gie stabbilit dak illi kien ser ighaddi minghand it-Telemalta ghand is-socjeta` ntimata, u dak illi kien ser jibqa' tal-istess Telemalta. Kompla illi ghalkemm f'dan iz-zmien huwa kien impjegat bhala *Technical Officer* u ghalhekk ma kienx involut fin-negozjar ta' dan il-kuntratt, aktar tard, bhala CEO, kellu jaghmel referenza ghal dan il-kuntratt diversi drabi u ghalhekk huwa edott mill-kontenut tieghu.

Xehed illi f'Settembru jew Ottubru tas-sena 1993, PBS Limited kienet taghtu il-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu permezz ta' ittra datata 26 ta' Ottubru 1993 (Dok APA1) fejn indikat il-kundizzjonijiet kollha, apparti s-salarju illi kien ghadu ma giex negozjat, ghalkemm ma ftakarx jekk is-socjeta ntimata kienetx offrietlu kariga oghla milli kellu qabel mat-Telemalta. Ma ftakarx ukoll jekk impjegati ohra nghatawx ittra simili ghal tieghu. Minn dak illi seta' jiftakar *at shop floor*, kienet saret sejha dwar min ried illi jibqa' jahdem mat-Telemalta u min ried imur mal-PBS. Sa fejn jiftakar, il-kundizzjonijiet tal-PBS essenzjalment bhala salarju, grad bi grad kienu sostanzjalment ahjar, mill-kundizzjonijiet tat-Telemalta.

Spjega illi meta nghata kopja tal-Ftehim Kollettiv jew gie spjegat il-Ftehim Kollettiv, l-ispjegazzjoni kienet illi l-kundizzjonijiet il-godda kienu bidu gdid, u qal ukoll illi sa fejn jiftakar, fil-laqghat illi kien involut fihom rigward il-Ftehim Kollettiv, qatt ma tqajmet il-kwistjoni tal-pensjonijiet.

Xehed ili huwa kien ilu jahdem ma' Xandir Malta mill-25 ta' Mejju 1975, u ghalhekk ma kienx impjegat fl-1 ta' Jannar 1975, u li qabel dan, kien impjegat mal-Gvern bhala *Civil*

*Servant* u gie *detailed* mat-Telemalta fil-fergha ta' Xandir Malta. Kompla illi huwa rtira ta' 61 sena u ha l-pensjoni tat-Tezor skont il-Kap. 93 tal-Ligijiet ta' Malta, u s-snin illi ghamel mat-Telemalta u l-PBS Limited gew maghduda bhala snin ta' servizz ghall-fini ta' pensjoni skont il-ligi. Zied illi huwa ghandu wkoll il-pensjoni taz-zewg terzi taht is-*Social Security Act* izda mnaqqsa sostanzjalment peress illi qieghed jircievi l-pensjoni tat-Tezor illi hija meqjusa bhala *service pension*, u qal li meta ha l-pensjoni tat-Tezor, ha wkoll il-*gratuity* u ghalhekk flok ha pensjoni tat-Tezor ekwivalenti ghal zewg terzi tal-paga li spicca biha (bis-*ceiling* ta' *scale 3* tal-Gvern), ha pensjoni ta' nofs mentri d-differenza hadha somma skont il-Ligi.

Rigward l-impjegati l-ohra xehed illi sa fejn jaf hu, l-impjegati illi ma hadux il-*promotion* kif ha hu, baqghu jaghmlu l-istess xoghol u jahdmu fl-istess bini bejn wiehed u iehor bl-istess apparat, ghaliex sussegwentement sar xoghol ta' immodernizzar bl-introduzzjoni ta' teknologija gdida. Mistoqsi jekk kienx biss wara illi l-impjegati bdew jahdmu mal-PBS illi bdew johorgu serje ta' *promotions* godda, wiegeb illi l-unici *calls for applications* illi kien hemm, kienu ghal *managerial posts*, u hu ma kienx applika ghalihom, ghalkemm ma setghax isemmi imqar idividwu wiehed li kellu kondizzjonijiet ahjar bhala salarju wara li dahal mas-socjeta ntimata, izda skont hu, kull min ha l-grad mas-socjeta ntimata mar ahjar.

In kontro-ezami, rega' insista illi huwa ma kienx involut fin-negozjati u lanqas fit-tfassil tal-Ftehim illi xehed dwaru. Xehed ili ffirma l-ittra [Dok. APA1] biex juri illi qieghed jaccetta, u ftakar illi qabel ircieva din l-istess ittra, kienet saret cirkulari lill-impjegati kollha sabiex entro certu terminu, jindikaw jekk ridux jibqghu impjegati ma' Telemalta jew imorru ma' PBS Limited (Dok MD1). Xehed ukoll illi ma jafx jekk l-impjegati zammewx l-istess *seniority*, l-istess *leave records*, u l-istess *sick leave records* illi kellhom qabel dahlu mal-PBS, izda hu zgur illi fil-kaz tieghu, hekk gara. Zied illi huwa jircievi l-pensjoni tat-Tezor ghaliex kien meqjus bhala impjegat tal-Gvern. Is-snin illi kien jahdem mal-PBS gew maghduda wkoll mas-snin tas-servizz tieghu ghall-fini ta' din il-pensjoni;

**Ayrton Caruana, *Senior Manager Human Resources* mas-socjeta` kjamata fil-kawza Go plc,** xehed illi flimkien ma' Josephine Grima illi hija wkoll *Senior Manager Human Resources* ma' Go plc, ghamel ricerka dwar ir-rikorrenti sabiex jikkonfermaw jekk dawn

kellhomx jew ghandhomx relazzjoni ta' impieg ma' Go plc, izda ma sabu l-ebda "*Personal File*" fid-dokumentazzjoni ta' Go plc, illi jappartjeni lil xi hadd mir-rikorrenti. Spjega illi l-ewwel ricerka saret f'*database* kompjuterizzat illi kien jintuza fil-qasam tal-HR Go plc fiz-zmien illi nghatat din it-testimonjanza, u inoltre ghamlu ricerka wkoll fuq sistema ta' *files* manwali illi kienet tintuza fis-snin disghin, illi tikkonsisti f'lista ta' kull impjegat illi qatt kellu relazzjoni ta' impieg mat-Telemalta, u lanqas hawn ma sabu *personal file* appartenenti lil xi hadd mill-atturi. Kompla illi din ir-ricerka kienet tinkludi wkoll impjegati illi setghu rtiraw qabel ma saret tali tfittxija. Zied illi ghamlu ricerka simili fuq *database* illi kien jappartjeni lil Maltacom, u ghal darb'ohra ma nstab xejn;

In kontro-ezami, Caruana xehed illi s-sistema kompjuterizzata illi kienet tintuza mill-kjamata fil-kawza Go plc fis-6 ta' Dicembru 2012 meta nghatat ix-xhieda, tikkontjeni informazzjoni dwar impjegati illi kellha l-kumpanija mis-sena 2003 lil hawn. Mistoqsi jekk hemmx *files* neqsin anke ta' impjegati illi isimhom jidher fis-sistema kompjuterizzata, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

**Joseph Saliba**, *Executive* mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig xehed illi huwa ilu jahdem mal-ETC mis-sena 2002 u l-informazzjoni tad-*database* huma jgibuha minghand l-entitajiet illi jhaddmu. Spjega li qabel twaqqfet l- ETC, kien hemm id-Dipartiment tax-Xoghol illi kien izomm il-kotba tax-xoghol, imbaghad meta twaqqfet l-ETC u d-*database* taghha, il-kotba tax-xoghol kollha ghaddew minghand id-Dipartiment tax-Xoghol lill-ETC, u gew entrati wkoll fid-*database*. Xehed illi kull entita` separata jkollha *employer number* separat, u ghalhekk zied jghid illi hemm differenza bejn il-PBS, it-Telemalta u r-Rediffusion.  Filfatt, zied ighid illi biex huwa gab il-listi minnu esebiti, kellu jitlob lid-*database* informazzjoni dwar tliet *employer numbers* differenti. Zied ili bhala Korporazzjoni, l-ETC tistrieh fuq l-informazzjoni illi jghaddu l-*employers* ghaliex huma *record keepers.*

Xehed ukoll illi l-ETC bdiet id-*database* billi l-impjegati taghha hadmu l-*workbooks* safejn dawn kienu disponibbli - ghaliex seta' kien hemm kotba tax-xoghol mitlufa b'dan allura illi d-*data* relattiva dwar fejn dik il-persuna partikolari kienet tahdem tkun intilfet.

**Ikkonsidrat;**

Din il-kawza hija naxxenti minn pretensjoni avvanzata mir-rikorrenti illi s-socjeta ntimata hija obbligata li tqieghed fis-sehh skema ta' pensjoni ghal dawk l-impjegati li originarjament kienu impjegati ma' Rediffusion Limited u/jew mal-Korporazzjoni Telemalta. Ir-rikorrenti jikkontendu illi s-socjeta ntimata hija obbligata li tqieghed fis-sehh l-iskema ta' pensjoni illi kienet imwieghda li ha ssir fl-ittra ta' ngagg, lil dawk l-impjegati li kienu gew ingaggjati bejn it-13 ta' Frar 1975 u Dicembru 1978, u li inoltre kienet giet stipulata li ha ssir fil-ftehim li gie ffirmat fl-1 ta' Marzu 1976, li gie kkonfermat bi ftehim iehor tal-5 ta' Dicembru 1981.

Rigward ir-retroxxena fattwali ta' dan il-kaz, fi zmien il-Gvern Ingliz, is-servizzi tax-xandir kienu operati fi hdan ir-*Rediffusion Group of Companies* fejn l-impjegati kienu, ekwivalenti ghall-impjegati mac-Civil Ingliz, intitolati ghall-pensjoni – mentri haddiema ohra ma' kwalunkwe *employer* iehor ma kinux hekk intitolati. Fl-1975, il-Gvern kien waqqaf il-Korporazzjoni Telemalta illi kellha tassorbi, fost l-ohrajn, lill-impjegati tar-Rediffusion, illi, kif ga` nghad, kienu intitolati ghall-pensjoni. Minhabba f'hekk, kien sar Ftehim Kollettiv fl-1 ta' Marzu, 1976 (*a fol* 46) fejn l-ex haddiema tar-Rediffusion kienu gew imweghda skema tal-pensjoni simili ghal dik hekk imsejha tat-Tezor, ossia simili ghal dik li kellhom meta l-*employer* taghhom kien ir-Rediffusion. Dan kien qieghed isir proprju ghaliex si tratta ta' zmien qabel ma giet stabbilita l-pensjoni nazzjonali – fatt illi sehh biss fl-1979. Ghalhekk jidher illi r-raguni wara l-Klawsola 11.1 tal-Ftehim tal-1976 kienet proprju l-fatt illi dawn il-haddiema tar-Redifussion illi, bhala tali, kienu intitolati ghall-pensjoni tal-Gvern, ma kellhomx jitilfu dan id-dritt, sempliciment ghaliex kienu ser jigu trasferiti mal-Korporazzjoni Telemalta. B'hekk kull referenza illi hemm fil-Ftehim tal-1976 hija necessarjament referenza ghall-iskema illi kienet tezisti ghall-impjegati tal-Gvern, u certament mhux ghall-pensjoni taz-zewg terzi illi kienet ghadha ma gietx introdotta legislattivament.

Kien ukoll ghalhekk illi anke meta gew impjegati nies ohra mill-Korporazzjoni Telemalta, qabel l-introduzzjoni tal-Pensjoni Nazzjonali ossia Kontributorja, il-*letter of appointment* kienet tirreferi ghad-dritt tal-pensjoni mill-iSkema specjali illi l-Korporazzjoni Telemalta kellha twaqqaf.

Sadanittant, fl-1979 giet introdotta l-Pensjoni Nazzjonali. Nonostante dan, meta sentejn wara ossia fil-5 ta' Dicembru, 1981 gie ffirmat Ftehim Kollettiv gdid (*a fol* 66), dan ikkonferma l-validita` tal-Ftehim Kollettiv originali tal-1976, u kwindi kkonferma wkoll id-dritt tal-pensjoni msemmi. Effettivament, bl-introduzzjoni tal-pensjoni taz-zewg terzi bl-**Att XXI tal-1979**, ma thassarx id-dritt ghas-*service pension* li kellhom dritt ghaliha l-haddiema tal-Gvern taht l-**Ordinanza tal-Pensjonijiet** – il-haddiema tal-Gvern fil-fatt baqghu intitolati ghall-pensjoni tas-servizz oltre l-pensjoni kontributorja. Dan gie kkonfermat ukoll gudizzjarjament fil-kawza tant citata mir-rikorrenti, illi tittratta fattispecje identici cioe' **Francis Paris vs Maltacom plc**[1].

Ghal finijiet ta' kjarazza tal-fatti, is-segwenti huwa riassunt tal-iskritturi varji relevanti ghal kaz de quo:

1. **Ftehim tas-sena 1976**:- (b'effett mit-13 ta' Frar 1975) illi jinkludi klawsola numru 11: "It is understood that the Corporation will introduce a pension scheme similar to that operated by the Government. A special provision will, however, be made to ensure that employees over the age of 50 years on the date of transfer to the Corporation (ie 13th February 1975) will be entitled to a pension based on their years of service with the Corporation".

2. **Ftehim tas-sena 1981**:- illi kkonferma l-klawsola msemmija fil-Ftehim tal-1976 permezz ta' Klawsola 1.2: "Both parties declare that the Agreement covering the conditions of work of the employees formerly employed by Rediffusion Group of Companies in Malta entered into on the 1st March 1976, is still valid save where it had been amended by the mutual consent of both parties and save where it is being amended by this Agreement".

3. **Ftehim tas-sena 1992**:- Kuntratt ta' bejgh fejn il-Korporazzjoni Telemalta bieghet lil Public Broadcasting Services Limited varji proprjetajiet immobli u mobbli inkluz drittijiet relattivi. Klawsola 2 tirreferi espressament ghat-trasferiment ta' "all rights and claims (including litigious rights) and agreements regarding broadcasting services, of the Corporation against or with third parties (including any claims against

[1] Sentenza moghtija fis-7 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet Francis Paris et vs Maltacom plc

the Broadcasting Authority) and all debts due to or due by the Corporation regarding broadcasting services, subject to all contractual obligations relating to any of the aforesaid rights, claims, agreements or debts. For the avoidance of any doubt the parties agree that this deed comprises all current assets and liabilities appearing on the audited balance sheet of "Xandir Malta' division of the Corporation as on the thirty first of July of the year on e thousand nine hundred and ninety two.".

4. **Ftehim tas-sena 1993**:- illi jinkludi l-klawsola illi espressament tipprovdi "*The Agreement cancels and supersedes any other verbal and/or written agreement that may have been inforce prior to the date of this Agreement.*"

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta kjamata in kawza Go p.l.c eccepiet preliminarjament illi r-rikorrenti ma jistghu jivvantaw l-ebda pretensjoni kontra taghha, u dan peress illi r-rikorrenti qatt ma hadmu maghha.

F'dan ir-rigward, il-Perit Legali irrelatat b'dan il-mod:

> "*Ma hemm l-ebda bazi legali pero` illi tista' tiggustifika l-pretensjoni attrici fil-konfront tal-istess kjamata in kawza. Dan ghaliex huwa car u lampanti illi l-istess socjeta` hija estranea ghal dawn il-proceduri, anke meta wiehed iqis illi s-socjeta` GO plc hija s-successur fit-titolu tal-Maltacom plc illi fl-1991, meta saret l-ahhar ristrutturazzjoni, kienet hadet maghha lill-eks impjegati tat-Taqsima tal-Telefon fi hdan il-Korporazzjoni Telemalta – mentri dawk fis-Sezzjoni tax-Xandir ghaddew direttament fi hdan is-socjeta` konvenuta PBS. Effettivament anke Ayrton Caruana Senior Manager Human Resources fis-socjeta` Go plc ikkonferma illi l-ebda wiehed mill-atturi qatt ma rrizulta impjegat mal-istess socjeta` jew mas-socjeta` Maltacom plc.*"

Wara li rat il-prova migjuba, il-Qorti tqis illi din il-konkluzjoni tal-Perit Legali hija gusta u korretta, u dan billi mill-provi jirrizulta illi r-rikorrenti, li kienu jahdmu fis-

Sezzjoni tax-Xandir kienu ghaddew direttament f'impjieg mas-socjeta ntimata PBS, filwaqt illi s-socjeta kjamata in kawza Go plc hija s-successur fit-titolu ta' Maltacom plc illi kienet hadet dawk il-persuni li kienu impjegati fit-Taqsima tat-Telefon. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta kjamata in kawza qed tigi milqugha, u konsegwentement il-Qorti ser tasjteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet taghha, filwaqt illi tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha, s-socjeta ntimata eccepiet illi r-rikorrenti jridu jgibu prova illi huma impjegati jew ex-impjegati taghha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti rat il-listi mressqa mir-rikorrenti annessi mal-affidavits ta' Anthony Abela u Raymond Libreri – lista Dok. AA1 ex-impjegati tar-Rediffusion u lista Dok. RL1 li tindika l-impjegati tal-Korporazzjoni Telemalta bejn it-twaqqif taghha u l-1979, il-kontenut ta' liema, ma gie bl-ebda mod kontestat mis-socjeta ntimata. Rat ukoll id-dokumentazzjoni prezentata mill-Korporazzjoni tat-Tahrig u l-Impieg [Dok SB1 sa SB65 u Dok. JSS1 sa Dok. JSS3] li tikkonferma dan il-fatt.

Il-Qorti ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali fir-rigward ta‘ din l-eccezzjoni, u konsegwentement tichad din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta ntimata billi tirrizulta nfondata.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, s-socjeta` ntimata PBS Limited eccepiet illi meta sar it-trasferiment lilha fis-sena 1992, hija ma assumietx l-obbligazzjonijiet tal-Korporazzjoni Telemalta fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk ma ghandha ebda obbligu illi tniedi xi skema ta' pensjonijiet privata u/jew timplimenta l-iskema in kwistjoni, jew li taghti effett ghal ftehim bejn terzi, u li ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jigu milqugha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti rat il-Kuntratt ta' Bejgh datat 5 ta' Awwissu 1992 [Dok. C] fejn il-Korporazzjoni Telemalta bieghet lill-Public Broadcasting Services Limited varji proprjetajiet immobbli u mobbli inkluz drittijiet relattivi u partikolarment:

> ***"all rights and claims (including litigious rights) and agreements regarding broadcasting services, of the Corporation against or with third parties (including any claims against the Broadcasting Authority) and all debts due to or due by the Corporation regarding broadcasting services, subject to all contractual obligations relating to any of the aforesaid rights, claims, agreements or debts. For the avoidance of any doubt the parties agree that this deed comprises all current assets and liabilities appearing on the audited balance sheet of "Xandir Malta' division of the Corporation as on the thirty first of July of the year one thousand nine hundred and ninety two".***

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizziji f'Malta fl-ismijiet **Victor Sammut vs PBS Limited** deciza fil-11 ta' Dicembru 2002, fejn fuq l-istess materja intqal illi:

> "*fil-fatt ir-rikorrent kien fiz-zmien in kwistjoni jahdem fid-divizjoni tax-Xandir Malta tat-Telemalta Corporation u li din id-divizjoni kienet amministrata u tiffunzjona separatament. Izda meta bdiet tiffunzjona fl-1993, ghax mhux qabel,* ***il-Public Broadcasting Services Limited kienet akkwistat l-assi kollha li kienu ta' Xandir Malta u meta akkwistat l-assi, assumiet fuqha wkoll drittijiet, obbligi u pretenzjonijiet. In vista tal-fatt illi akkwistat id-drittijiet, l-obbligi u pretenzjonijiet akkwistat jew batiet ukoll il-konsegwenzi tal-ilment tar-rikorrent u cioe` dritt litigjuz kontra taghha spettanti lir-rikorrent***."

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Mamo vs PBS Limited** deciza mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizziji f'Maltafit-28 ta' Mejju 2002:

"*...**la l-PBS wirtet il-krediti u l-assi tas-sezzjoni, awtomatikament wirtet ukoll ir-responsabbilitajiet u d-debiti.***"

F'dan ir-rigward, il-Perit Legali irrelatat b'dan il-mod:

***"… s-socjeta` konvenuta PBS Limited assumiet minghand il-Korporazzjoni Telemalta l-obbligazzjonijiet kollha naxxenti minn kull ftehim dwar ix-xandir, u ghalhekk, isegwi illi dan kienu jinkludi l-obbligazzjonijiet kollha naxxenti mill-Ftehim Kollettiv tas-snin 1976 u 1981.***

***Bl-akbar rispett, l-argument tas-socjeta` konvenuta, minnha mressaq fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, fis-sens illi l-Kuntratt ta' Trasferiment ta' Assi u Passiv tal-1992 ma jaghmilx stat f'dan il-kaz ghaliex mhux Ftehim Kollettiv ma jistax iregi meta l-klawsola appena citata mill-istess kuntratt tirreferi fl-aktar termini generici ghal "claims", "agreements" u "contractual obligations". Bl-istess mod lanqas ma jregi l-argument dwar il-balance sheet ghaliex kif issottomettew l-atturi, il-kelma "comprises" tfisser "tinkludi" u kwindi mhix terminu esklussiv, izda wiehed inklussiv illi jippermetti oggetti ohra illi mhumiex inkluzi fil-balance sheet."***

Fid-dawl ta' dak hawn fuq rilevat, il-Qorti taqbel mar-ragunament tal-abbli Perit Legali, taddottah u taghmlu taghha. Kif intqal mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzju f'Malta, galadarba s-socjeta ntimata wirtet il-krediti u l-assi kollha tax-sezzjoni tax-Xandir tal-Korporazzjoni Telemalta, isegwi illi assumiet ukoll ir-responsabbilitajiet u l-obbligi kontrattwali taghha, b'mod ghalhekk illi m'ghandhiex ragun meta teccepixxi illi hija ma wirtet l-ebda obbligu illi tniedi skema ta' pensjoni kif il-Korporazzjoni kienet weghdet lir-rikorrenti. Jekk imbaghad din l-obligazzjoni giet revokata jew varjata hija kwistjoni ohra. Fil-fatt din hija l-bazi tal-ecezzjonijiet sussegwenti tas-socjeta ntimata, pero fil-mument meta wirtet l-assi u l-krediti kollha tas-sezzjoni tax-Xandir tal-Korporazzjoni Telemalta, hija wirtet ukoll l-obbligu illi tniedi skema ta' pensjoni ghall-impjegati li gew trasferiti fi hdana, peress illi dan kien proprju obbligu tal-Korporazzjoni Telemalta.

Ghaldaqstant, din it-tieni eccezzjoni tas-socjeta ntimata qieghda wkoll tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tielet u r-raba‘ eccezzjoni taghha, s-socjeta ntimata eccepiet illi l-obbligu li tniedi skema ta‘ pensjoni ghal ex impjegati tal-Korporazzjoni Telemalta gie estint bil-ftehim kollettiv ta’ Settembru 1993 li jghid testwalment “This Agreement cancels and supersedes any other verbal and/or written agreement that may have been in force prior to the date of this Agreement” u illi l-kundizzjonijiet ta’ impjieg tal-haddiema tas-socjeta ntimata huma biss dawk li jirrizultaw mill-Ftehim kollettiv illum fis-sehh. Minn naha taghhom ir-rikorrenti jankraw it-talbiet taghha fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Francis Paris et vs Maltacom plc, li kienet titratta fattispecie identici, u fejn ukoll il-ftehim kollettiv li kien gie ffirmat mal-Maltacom kien jinkludi klawsola preliminari simili ghal dik citata mis-socjeta ntimata fl-eccezzjoni taghha.

Fir-rigward tal-istitut tan-novazzjoni, fis-sentenza fl-ismijiet **Ronald Azzopardi pro et noe vs Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta’ Frar 2008 intqal illi:

> “*In-novazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet marbuta f’obbligazzjoni iħassru dik ir-rabta b’oħra ġdida minflokha;*
>
> *Illi hija r-rieda tal-liġi li n-novazzjoni trid tidher ċar mill-fehma tal-partijiet li jikkuntrattawha, u ma tistax tiġi preżunta. Biex isseħħ in-novazzjoni, l-obbligazzjoni l-qadima trid tinqatel u mhux sempliċement titbiddel. F’każ ta’ dubju, in-novazzjoni tiġi eskluża . Huwa aċċettat li l-elementi meħtieġa biex isseħħ novazzjoni oġġettiva ta’ obbligazzjoni huma (a) l-eżistenza ta’ obbligazzjoni preċedenti li (b) għaliha tidħol obbligazzjoni ġdida li tħassar, u mhux biss timmodifika jew tibdel, ’il ta’ qabilha b’mod li ż-żewġ obbligazzjonijiet ikunu inkompatibbli ma’ xulxin. Huwa meħtieġ ukoll li jintwera li (ċ) partijiet li joħolqu l-obbligazzjoni novanti jkollhom il-kapaċita’ li jikkuntrattaw u li (d) kellhom il-fehma li jħassru*

*obbligazzjoni billi jibdluha ma' oħra ġdida. Dwar dan l-aħħar element, m'huwiex biżżejjed li parti waħda kellha l-animus novandi, biex isseħħ in-novazzjoni, għaliex dik il-fehma trid tintwera li tkun ukoll fil-parti kontraenti l-oħra;*

*Illi lanqas ma huwa biżżejjed biex jingħad li seħħet novazzjoni, li jkun intlaħaq ftehim ġdid dwar xi aspett aċċessorju tal-obbligazzjoni, għaliex b'dan ma tkunx inqatlet l-obbligazzjoni ta' qabel, imma tkun seħħet biss bidla fl-implimentazzjoni jew l-estent tagħha. Fis-sustanza, f'ċirkostanza bħal din, l-obbligazzjoni oriġinali tkun tħalliet fis-seħħ.* (…)

*Illi huwa minnu li l-aqwa prova li tkun seħħet novazzjoni hija ftehim miktub li jesprimi l-ħolqien ta' obbligazzjoni ġdida minflok waħda oħra ta' qabilha. Imma tista' sseħħ novazzjoni billi tinħoloq obbligazzjoni ġdida li ma tkunx formalizzata fi ftehim miktub. F'ċirkostanza bħal din, allura, l-piż tal-prova li tkun inħolqot obbligazzjoni ġdida huwa wieħed aqwa, għaliex irid jintwera li fil-fatt kien hemm ftehim ġdid u li kien hemm il-fehma tal-partijiet li taqbel li jkun hemm tali ftehim ġdid. Dwar dan ingħad li ma hemmx għalfejn li l-animus novandi jkun espress, sakemm jirriżulta kjarament.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Paris et Maltacom plc** citata mir-rikorrenti, intqal ukoll illi:

"*Fil-kawza "Catania vs Degiorgio", deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Frar, 1958, jinghad hekk: "Huwa veru li mhux mehtieg li l-'animus novandi' tkun espressa, u li tista' tkun anke tacita, pero`', irid ikun hemm kontradizzjoni assoluta bejn il-fatt tal-partijiet u l-volonta' taghhom li jzommu ferma l-obbligazzjoni originarja. Jekk imbaghad il-kunsens tad-debitur mhuwiex bil-fors mehtieg, huwa dejjem indispensabbli l-kunsens tal-kreditur u tal-espromittent. ... U fil-kaz li l-elementi kollha ma jirrizultawx b'mod car u univoku, in-novazzjoni m'ghandhiex tigi prezunta".*

*Fil-kawza "Frendo Randon vs Gera", deciza mill-*Onorabbli Qorti *talAppell fis-27 ta' Gunju, 1952, intqal li: "In-*novazzjoni ma tistax *tigi prezunta, u l-'animus novandi' ghandu jidher bic-*car. U jekk stess *parti wahda kellha dak l-animu, jehtieg dejjem li jkun hemm l-okkordju mal-parti l-ohra biex issir in-novazzjoni".*

*Fil-kawza "Baldacchino vs Cassingena", deciza* minn din l-Qorti *fl-10 ta' Ottubru, 1950, jinghad: "Biex ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm l-inkompatibilita' tal-ezistenza ta' zewg obbligazzjonijiet, u f'kaz ta' dubbju, in-*novazzjoni ghandha tigi *eskluza".*

*Fil-kawza "Koludrovich vs Muscat", deciza mill-*Onorabbli Qorti *tal-Appell fit-25 ta' Mejju, 1956, intqal: "Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata; ghalhiex, billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra. Mhux kull modifika, ghalhekk, iggib l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigi annullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata ... In-*novazzjoni trid tigi pruvata minn min jallegaha, u *f'kaz ta' dubju ghandha tigi eskluza". (sottolinjar mizjud minn din il-Qorti).*

*Fuq dan il-punt, il-gurista Giorgi ("Delle Obbligazioni", Vol. VIII para. 242), jghid li l-intenzjoni biex issir novazzjoni tkun tacita "quando risulta dalla incompatibilita' tra il 'quod actum est' e la esclusione della volonta' di novare. Della quale incompatibilita' sono queste le caratteristiche: ""1. Che il debitore sia stato svincolato assolutamente della obbligazione primitiva; 2. Che la seconda obbligazione contenga un mutamento tanto sostanziale in confronto della prima, da non permettere di considerarla come semplice*

> *modificazione della obbligazione precedente. La novazione cumulativa, quale appunto risulterebbe dall'unione di due obbligazioni, non e' vera novazione".*"

Il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq l-obbligazzjonijiet naxxenti minn kuntratti hija bbazata sostanzjalment fuq l-importanza li l-Qrati Maltin dejjem taw lil principju ta' *pacta sunt servanda,* kif jidher mis-segwenti bran mehud mis-sentenza fl-ismijiet **Gloria Beacom et vs L-Arkitett u l-Inginier Civili Anthony Spiteri Staines,** deciza fil-5 ta' Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell:

> "*Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda.*"

Imbaghad, fis-sentenza fl-ismijiet **Godwin Navarro et noe vs Saviour Baldacchino** deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-28 ta' Frar 2008 gie rrilevat illi:

> "*Is-sens ġuridiku jiddetta illi l-ftehim bil-miktub għandu jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tiegħu u ma għandux jiġi mibdul jew ċirkuwit b'mera assunzjoni soġġettiva ta' xi parti fost il-kontraenti.*"

Illi pero, il-principju ta' pacta sunt servant m'huwiex l-unika principju fuq liema l-Qrati Maltin jsejsu esklussivament id-decizjonijiet taghhom fil-kamp tal-obligazzjonijiet kontrattwali. Dan jidher car per ezempju mis-sentenza fl-ismijiet **Michael Pace vs Richard Micallef pro et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 2004 fejn gie rrilevat illi:

> "*Din il-Qorti tifhem li fil-kunċett tal-bona fidi jidħol ukoll ċertu element ta' ekwita kif ukoll ta' sens prattiku u morali li jiġi vjolat mhux biss meta konfrontat b'aġir speċifiku doluż biex jagħmel il-ħsara, iżda wkoll b'dak il-komportament li jkun għal kollox spoporzjonat u li ma jkunx aċċettabli skond in-normi stabbiliti tas-soċjeta u tal-loġika ġuridika.*"

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Rose Falzon Sant Manduca vs Mario Grima** deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-8 ta' Marzu 2005:

> "*l-applikazzjoni riġida ta'* [l-Artikolu 1122 tal-Kodici Civili], *minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistgħu jinstiltu minnha fil-prattika, ġejja mir-rispett li jrid jingħata lill-prinċipju li ftehim validu bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom, u l-ebda qorti m'għandha tindaħal fi ftehim bħal dan jekk ma jkunx milqut b'xi difett li jġibu ma jiswiex. Madankollu, llum il-ġurnata huwa aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola maħsuba fl-artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili trid titfisser ukoll fid-dawl ta' prinċipju ieħor ewlieni tad-dritt, jiġifieri dak li jrid li l-kuntratti jiġu esegwiti b'bona fidi u jobbligaw, mhux biss ghal dak li jingħad fihom, imma wkoll għall-konsegwenzi li ġġib magħhom l-obbligazzjoni, skond l-għamla tagħha, b'ekwità, bl-użu jew bil-liġi.*"

Din il-Qorti taghraf illi dan il-kaz huwa pjuttost partikolari forsi anke eccezzjonali, u dan in vista tal-fatt illi l-Qorti tal-Appell gia ppronunzjat sentenza fir-rigward ta' sitwazzjoni indentika ghal kaz odjern li fejn si tratta ta' persuni illi wkoll kienu ex impjegati ta' Rediffusion Malta u/jew Korporazzjoni Telemalta, u li gew trasferiti lil entita differenti mill-Korporazzjoni Telemalta meta sar l-ezercizzju ta' ristrutturazzjoni, li wkoll kienu gew mwieghda illi ser tigi implimentata sistema ta' pensjoni ta' servizz. Di piu' anke f'dik il-kawza, qamet kwistjoni rigward l-import ta' klawsola preliminari simili hafna ghal dik citata mis-socjeta ntimata.

F'dik is-sentenza, u cioe fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom plc,** il-Qorti ta' Appell irrilevat illi:

> "*…ma jirrizultax li l-partijiet fir-rigward tal-ftehim tal-1975, meta ffirmaw il-ftehim kollha sussegwenti, riedu li ssehh novazzjoni ghar-rigward tal-obbligazzjoni naxxenti mill-klawsola 8 ta' l-istess ftehim, li tigi varata skema ta' pensjoni. Ma jirrizulta xejn inkompatibbli bejn l-istess obbligazzjoni kif kontenuta filftehim tal-1975 u l-kontenut tal-ftehim kollha li ssussegwew l-istess ftehim. Ma hemm xejn fil-ftehim*

> *sussegwenti li jiskonvolgi b'mod determinanti l-klawsola in kwestjoni. Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu ma jirrizultawx l-elementi kollha mehtiega biex jista jinghad li sehhet innovazzjoni oggettiva ghar-rigward tal-klawsola numru 8 in kwestjoni. Lanqas ma jirrizulta li l-kredituri cioe` l-atturi taw il-kunsens taghhom ghat-thassir tal-ftehim originali. Il-ftehim kollettiv li segwew dak originali tal-1975 setghu bidlu xi kondizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema, pero', zgur ma jistax jinghad li invalidaw jew annullaw il-klawsola in kwestjoni kif kontenuta fil-ftehim tal-1975. Ghalhekk jekk jinghad li saret modifika, tali modifika tirreferi ghall-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-atturi u ghalhekk ma kienx hemm modifiki li jista' jinghad li jammontaw ghall-annullament tal-istess klawsola in kwestjoni.*"

B'referenza specifika ghal-klawsola preliminari simili ghal dik invokata mis-socjeta ntimata, intqal illi:

> "*L-introduzzjoni ta' klawsola bhal din ma tammontax ghal manifestazzjoni minn naha tal-partijiet (b'mod specjali l-atturi) li riedu li dak li gie miftiehem snin qabel jintnesa u li huma kienu qed jirrinunzjaw ghad-drittijiet taghhom naxxenti mill-ftehim tal-1975. Ma jistax jitqies li l-atturi kienu qed jaqblu li jithassru d-drittijiet taghhom meta dawn id-drittijiet ma gewx implimentati minhabba nuqqasijiet serji da parti tal-konvenuti. Lanqas ma jista' jinghad li jirrizulta li l-partijiet kellhom f'mohhom li jeskludu dritt tal-atturi, (cioe` ta' parti) u b'hekk l-atturi ma jkollhomx aktar id-dritt li jippretendi li jinghataw id-drittijiet taghhom naxxenti minn ftehim passat. Meta l-partijiet ftehmu li r-relazzjonijiet taghhom kellhom jigu esklussivament regolati mill-ftehim sussegwenti, evidentement huma kellhom f'mohhom il-kondizzjonijiet normali tax-xoghol bhal pagi, leave u overtime.*
>
> *… L-atturi kienu akkwistaw drittijiet bil-ftehim tal-1975 u minn imkien ma jirrizulta b'mod car li huma riedu jirrinunzjaw ghal tali drittijiet u dan ukoll minghajr ebda korrispettiv.*"

Il-Qorti qiset ukoll illi s-socjeta ntimata m'hijiex semplici socjeta privata izda hija entita parastatali, u li ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, huma applikabbli kriterji aktar onoruzi fid-determinazzjoni tal-kaz illi mhux necessarjament isibu applikabbilita ghall-entita privata, u dan senjatament il-principju tal-aspetattiva legittima, li skont il-principju tal-gustizzja naturali torbot lill-awtoritajiet pubblici.

Il-Qorti qiset ukoll illi mid-dibattiti parlamentari tirrizulta car u tond l-intenzjoni tal-Gvern illi jimplimenta sistema ta' pensjoni tas-sevizz ghall-impjegati tal-Korporazzjoni Telemalta. Il-Qorti tikkonsidra li mill-assjem tal-provi din l-intenzjoni ma kienetx biss imsejsa fuq il-fatt illi ghal xi zmien ma kienx hemm pensjoni nazzjonali, u ghalhekk minghajr pensjoni tas-servizz, l-impjegati ta' Rediffusion Malta (u sussegwentement Koporazzjoni Telemalta) ma kienux intitolati ghal pensjoni mal-irtirar taghhom. Fil-fatt anke wara li dahhlet fis-sehh il-ligi li ntroduciet il-pensjoni nazzjonali, u cioe' fi zmien meta r-rikorrenti kienu ser ikunu ntitolati ghal pensjoni mal-irtirar taghhom, l-intenzjoni tal-Gvern biex jaghti lil dawn il-haddiema, pensjoni tas-servizz, regghat giet ikkonfermata. Jirrizulta mill-provi li l-hsieb wara l-intenzjoni tal-Gvern kienet ukoll illi ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn l-impjegati ta' entitajiet parastatali, u dawk illi huma direttament impjegati mal-Gvern.

Il-Qorti taghraf illi fis-sentenza fl-ismijiet **Evelyn Montebello et vs l-Avukat Generali et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta' Ottubru 2016 intqal illi "*dak li jinghad waqt dibattitu parlamentari m'huwiex bilfors il-posizzjoni korretta legali*"." F'dan il-kaz pero', r-referenza li qed issir ghad-dibattiti parlamentari ma tikkoncernax l-interpretazzjoni tal-ligi, izda qed issir proprju bhala prova tal-intenzjoni tal-Gvern illi jaghti lill-impjegati ta' Rediffusion Malta u l-Korporazzjoni Telemalta pensjoni tas-servizz, biex b'hekk, bhala impjegati ta' entita parastatali, jigu *pari passu* mal-impjegati tal-entitajiet statali. Il-Qorti tqis illi meta si tratta ta' weghdiet espressament maghmulin mill-ghola awtoritajiet tal-pajjiz, f'seduti parlamentari pubblici, li skont l-istess awtoritajiet huma mmirati sabiex joholqu ugwaljanza bejn impjegati statali u mpjegati parastatali, qajla ghandu jigi accettat l-argument illi l-organu amminstrattiv m'huwiex iktar marbut b'dawk il-weghdiet li jkun ghamel meta dan ma jkunx jirrizulta konklussivament mill-provi, u dan

specjalment ikkonsidrat illi r-rikorrenti accettaw u ghamlu snin twal jahdmu ma' entita parastatali filwaqt li stennew li xi darba, l-organu amministrattiv kien ser jonora il-wieghda tieghu li jimplimenta din l-iskema ta' pensjoni ta' servizz. Ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex facilment taccetta illi din il-weghda tigi sempliciment injorata mis-socjeta ntimata kkonsidrat li kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Paris et vs Maltacom, ma jirrizultax espressament mill-ftehim kollettiv, illi kien qed jigi revokat l-obbligu tas-socjeta ntimata li timplimenta skema ta' pensjoni tas-servizz ghar-rikorrenti u lanqas ma jirrizulta li xi wahda mill-klawsoli operattivi ta' dan il-ftehim, kienet inkomptabbli ma' dan l-obbligu.

Din l-aspettativa legittima tar-rikorrenti imbaghad giet kkonfermata aktar u aktar permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li kienet tal-fehma, illi l-ftehim kollettiv gdid iffirmat mir-rikorrenti f'dak il-kaz, bl-ebda mod ma invalida, l-obbligazzjoni ta' Maltacom illi tnieda l-iskema ta' pensjoni mwieghda, u dan nonostante l-ezistenza f'dak il-ftehim kollettiv ta' klawsola preliminari kwazi identika ghal din in kwistjoni.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi m'hemm l-ebda raguni f'dan il-kaz partikolari li twassalha sabiex tiddiparrtixxi mill-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Francis Paris vs Maltacom plc,** u ghalhekk tqis illi dawn l-eccezzjonijiet tas-socjeta ntimata huma nfondati u ghalhekk qed jigu michuda.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata eccepiet wkoll permezz tal-hames eccezzjoni taghha illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. F'dan ir-rigward il-Qorti terga taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Paris et vs Maltacom,** li kif indikat mill-Perit Legali diga trattat din l-eccezzjoni, u f'liema sentenza il-Qorti, wara li rat il-gurisprudenza fuq il-materja, qalet hekk:

> "*…l-paragrafu (f) in dizamina ghandu jircievi interpretazzjoni in bazi ghar-regola ta' lejusdem generis in korrelazzjoni max-xorta ta' krediti msemmija fl-incizi li jigu qabel ta' l-istess artikolu, u li mhux accettabbli interpretazzjoni estensiva ta' dan il-paragrafu. L-espressjoni "kull kreditu iehor" jidher li dejjem giet interpretata*

> *bhala li tirreferi ghal kreditu ta' flus jew li jkollu l-istess natura bhal flus.*

(…)

> *…din il-Qorti tara li l-atturi mhux qed jagixxu biex jirrivendikaw xi kreditu fi flus jew kreditu li ghandu l-istess natura bhal flus. L-atturi qed jitolbu li jigu rivendikati d-drittijiet taghhom taht il-ftehim tal-1975 – dan hu l-kreditu minnhom pretiz. Huwa veru li bhala rimedju u fost id-diversi rimedji li tista' taghti din il-Qorti, hemm ir-rimedju tal-kumpens fi flus, pero', dan il-fatt fih innifsu ma jpoggix l-azzjoni ta' l-atturi fil-kategorija ta' dawk ikkontemplati fl-artikolu 2156 tal-Kap. 16. L-effett ta' obbligazzjoni, li hi l-azzjoni u r-rimedju pretiz, m'ghandhiex tigi konfuza mal-kreditu nnifsu.*"

F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel perfettament ma' dak relatat mill-abbli Perit Legali u cioe illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbazata proprju fuq *obligazzjoni di fare* u li ghalhekk l-Artikolu 2156(f) ma japplikax fil-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, il-hames eccezzjoni tas-socjeta ntimata qieghda wkoll tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tas-sitt eccezzjoni taghha, s-socjeta ntimata eccepiet illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta wkoll ai terimini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili, u dan peress illi ghaddew aktar minn tletin sena bejn meta sar il-ftehim tal-1976 u meta giet istitwita l-azzjoni odjerna mir-rikorrenti.

Illi pero l-Qorti rat illi l-ftehim tal-1981 kien ikkonferma l-ftehim tal-1976 u konsegwentement ikkonferma wkoll l-intenzjoni illi tigi introdotta l-iskema tal-pensjoni in kwistjoni u taqbel perfettament mal-konkluzjoni tal-Perit Legali illi dan ir-rikonnoxximent fil-ftehim tal-1981 jammonta ghal rikonixximent ta' debitu, li ai termini tal-**Artikolu 2133 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jinterrompi l-preskrizzjoni. In vista ta' dan il-Qorti tqis illi t-terminu ta' tletin sena stipulat fl-

Artikolu 2143 tal-Kodici Civili beda jiddekorri mill-1981. Minn dan isegwi illi galadarba din l-azzjoni giet intavolata mir-rikorrenti fl-2010, kienu ghadhom m'ghaddewx it-tletin sena previsti mill-ligi. Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta ntimata hija nfondata u konsegwentement qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tas-seba' eccezzjoni taghha, s-socjeta ntimata eccepiet illi l-obligazzjoni originali kienet vaga wisq biex tkun enforzabbli.

Il-Qorti rat illi l-ftehim tal-1976 spjega l-obbligazzjoni b'dan il-mod:

> "*It is understood that the Corporation will introduce a* ***pension scheme similar to that operated by the Government****. A special provision will, however, be made to ensure that employees over the age of 50 years on the date of transfer to the Corporation (ie 13th February 1975) will be entitled to a pension based on their years of service with the Corporation*"

Il-Qorti ghalhekk taqbel perfettament mar-ragunament li jinsab fis-sentenza fl-ismijiet **Paris et vs Maltacom,** illi fir-rigward tal-istess eccezzjoni li wkoll tqajment f'dik il-kawza, irrilevat illi:

> "*il-klawsola hija cara, fis-sens li l-Korporazzjoni Telemalta kellha timplimenta skema ta' pensjoni simili ghal dik applikabbli ghall-haddiema tac-Civil tal-Gvern. Il-pensjoni tas-servizz tal-haddiema tal-Gvern hija regolata bl-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93), u l-Korporazzjoni/socjeta` konvenuta ghandha, ghalhekk, mudell car u definit li tista' tuza ghall-iskop indikat, salv l-emendi li gew miftiehma fl-istess ftehim. Skema ta' pensjoni, hu veru, hija komplessa, pero`, wahda simili ghal dik li qed jitolbu l-atturi gia` tezisti, u bazikament*

*hija skema ta' pensjoni simili li l-Korporazzjoni Telemalta kellha tindroduci fl-1975.*

*...'bhal' jew 'simili' dik tal-Gvern, li, fl-essenza taghha kienet pensjoni non-kontributorja u kienet tinghata wara ghaxar snin servizz; l-ammont tal-pensjoni kien sa massimu ta' zewg terzi tas-salarju minghajr capping. Dan hu l-qafas li kellu jigi introdott bil-ftehim tal-1975, bil-proviso li dawk il-haddiema li kellhom il-fuq minn 50 sena u, kwindi, jaghtu anqas minn ghaxar snin servizz, xorta wahda jkunu intitolati ghal pensjoni."*

Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan u tqis anzi illi din l-eccezzjoni tas-socjeta ntimata hija, tista' tghid *ictu oculi*, nfondata ghaliex l-obligazzjoni stipulata fil-ftehim tal-1976 hija wahda cara u ma tipprezenta ebda diffikulta fl-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni taghha. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni tas-socjeta ntimata qieghda wkoll tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tmien eccezzjoni taghha, s-socjeta ntimata eccepiet illi jekk jigu milqugha t-talbiet tar-rikorrenti jikkostitwixxu ksur ta' ligijiet ta' ordni pubbliku, senjatament l-Att dwar is-Sigurta Socjali u l-Att dwar is-Sigurta Nazzjonali (Kap. 147) li jirregolaw (jew li kienu jirregolaw) l-ammont massimu ta' pensjoni li persuna tista tircievi.

Il-Qorti rat illi ghalkemm huwa minnu li l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kap. 318) u l-Att dwar is-Sigurta` Nazzjonali tal-1965 (Kap. 147) jiimponu pensjoni massima, dawn iz-zewg ligijiet ma jhassrux jew jiddikjaraw nulla kwalunkwe pensjoni tas-servizz li tkun ezistenti. Minflok dawn il-ligijiet jipprovdu illi l-pensjoni tas-servizz tittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-pensjoni taht l-Att dwar is-Sigurta Nazzjonali.

Filfatt, kif intqal fis-sentenza **Paris et vs Maltacom plc** b'referenza ghal dan l-argument:

> *"Dan l-arrangament li kellu jwassal lill-haddiema tat-Telemalta u li kienu ex impjegati tal-kumpanija Cable and Wireless jkollhom "service pension", ma jistax jitqies li jmur kontra l-ordni pubbliku ghax mhux projbit espressament b'ebda ligi , u pensjoni "simili" giet fil-fatt protetta u kkunsiderata fl-Att dwar is-Sigurta` Nazzjonali bl-emenda su riferita li kienet giet introdott bl-Att XXI tal-1979. Il-pensjoni li kellhom jiehdu l-ex impjegai tal-Cable and Wireless Ltd, ghandha tkun pensjoni "simili ghal dik li kienu intitolati ghaliha l-haddiema tal-Gvern fl-1979, u din il-pensjoni tas-servizz kienet u ghadha tiforma parti mill-Ordinament Guridiku Malti, tant li l-haddiema tac-Civil li rtiraw qabel l-1979 ghadhom jiehu l-pensjoni tas-servizz u l-pensjoni taht in-National Insurance Act, imnaqqsa kif provdut f'dan l-ahhar att. Kwindi, ma jistghax jinghad li l-ftehim imur kontra l-ordni pubbliku Malti."*

Ghalhekk il-Qorti tqis illi anke din l-eccezzjoni tas-socjeta ntimata hija nfondata u konsegwentement qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tad-disa' eccezzjoni taghha, s-socjeta ntimata eccepiet illi r-rikorrenti ma ghandhomx il-jedd minnhom pretiz ukoll ghaliex il-weghda in kwistjoni kienet saret mill-Korporazzjoni minhabba l-fatt li l-impjegati in kwistjoni ma kienux jikkwalifikaw ghall-pensjoni tal-Gvern, haga li giet sussegwentement rimedjata legislattivament b'mod li effettivament l-impjegati in kwistjoni hadu minghand il-Gvern, dak li l-istess Gvern kien wieghed tramite il-Korporazzjoni Telemalta.

Il-Qorti pero ma taqbel xejn ma' dan ir-ragunament. Kif relatat mill-abbli Perit Legali:

"***Il-Ftehim Kollettiv tal-1981 bl-aktar mod esplicitu kkonferma l-validita` tal-Ftehim Kollettiv tal-1976 u dan huwa anke koncess mis-socjeta` konvenuta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha. M'hemmx dubbju, kemm mill-kronologija tal-fatti u anke minn din l-ammissjoni espressa tas-socjeta` konvenuta*** *illi permezz tal-Ftehim tal-1981, il-Korporazzjoni Telemalta kienet ikkonfermat l-impenn taghha illi tistabbilixxi "a pension scheme similar to that operated by the Government" anke jekk l-**Att XXI tal-1979** kien sadanittant introduca pensjoni ta' zewg terzi ghal kulhadd.*"

Il-Qorti taqbel ma' dan ir-ragunament u taghmlu taghha, ghaliex fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi l-ftehim kollettiv tal-1981 ikkonferma dak tal-1976 minghajr riserva, u dan nonostante l-fatt illi sa dak it-tant, kienet dahlet fis-sehh il-pensjoni nazzjonali ghal kulhadd, juri illi l-intenzjoni tal-partijiet ma kienetx sempliciment illi r-rikorrenti jinghataw pensjoni li kellha tkun semplici alternattiva ghal dik nazzjonali sakemm ma kienx ghad hemm wahda, izda turi li l-hsieb wara l-introduzzjoni ta' din l-iskema, kien imur oltre dan, u kien intiz sabiex jassigura ugwaljanza bejn il-haddiema ta' entitajiet statali u parastatali, peress illi dawn ta' qabel kien intitolati ghal pensjoni ta' servizz, liema beneficcju ma giex estint bl-introduzzjoni tal-pensjoni nazzjonali. Ghalhekk ma jistghax jinghad illi din l-introduzzjoni gabet fix-xejn il-weghdiet maghmula lir-rikorrenti. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Rigward it-tieni talba tar-rikorrenti, il-Qorti rat illi, kif relatat mill-Perit Legali

> "*…is-Sentenza nnifisha qatt ma tista' tkopri r-rekwiziti amministrattivi stabbiliti mill-imsemmi* ***Kap. 450*** *tal-**Ligijiet ta' Malta.***
>
> (…)

*B'danakollu, l-atturi ghamlu talba specifika ossia rizerva ghal kull azzjoni ohra lilhom spettanti skont il-Ligi u kwindi dina l-Onorabbli Qorti tista' tikkonferma tali rizerva f'kaz illi s-socjeta` konvenuta tonqos milli timplimenta l-iskema tal-pensjoni fit-terminu lilha prefiss ai termini tal-ewwel talba, si et quatenus."*

Wara li rat il-Kapitolu 450 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi kkonsidrat ir-rekwiziti amministrattivi imposti f'din il-ligi, m'huwiex legalment possibli illi tintlaqa' t-tieni talba tar-rikorrenti illi l-ftehim, u cioe l-iskema tal-pensjoni, jigi jorbot permezz ta' din is-sentenza. Dan naturalment pero, kif ukoll relatat mill-Perit Legali, b'riserva ghal kwalunwke azzjoni kompetenti lir-rikorrenti fil-kaz illi s-socjeta ntimata thalli t-terminu mpost b'din is-sentenza jiddekorri inutilment.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta kjamata in kawza Go p.l.c u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta, tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta ntimata u:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna lis-socjeta ntimata sabiex fi zmien tliet xhur minn din is-sentenza timplimenta l-iskema ta' pensjoni skont il-Ftehim Kollettiv tal-1 ta' Marzu 1976 kif debitament ikkonfermat bil-Ftehim Kollettiv tal-4 ta' Dicembru 1981, liema skema tkun applikabbli ghal kull wiehed u wahda mill-atturi fuq il-bazi ta' paga u zmien ta' servizz li japplika ghall-kaz tieghu jew taghha, u dan pero` kif soggett ghar-rekwiziti amministrattivi kollha necessarji skont il-Ligi, partikolarment izda mhux limitatament dawk stabbiliti fl-Att li Jirregola Fondi Specjali (Kap. 450 tal-Ligijiet ta' Malta);**

2. **Tichad it-tieni talba fid-dawl tal-Att li Jirregola Fondi Specjali (Kap. 450 tal-Ligijiet ta' Malta) izda tirrizerva favur ir-rikorrenti, kwalunkwe dritt spettanti lilhom f'kaz illi s-socjeta` ntimata tonqos mill-obbligu taghha li**

**timplimenta l-iskema ta' pensjoni imsemmija fiz-zmien ordnat minn din il-Qorti.**

**L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta ntimata, b'dan illi l-ispejjez tas-socjeta kjamata in kawza Go p.l.c. ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti fi kwoti ugwali bejniethom.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**